MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2010

Numru 1269/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**VS**
**OIVEND XUEREB**
**NAEIM SHADY MOHAMED ABD EL-HADY**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oivend Xuereb ta’ 23 sena, iben Jesmond u Rosaline nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’ nhar l-10 ta’ Dicembru 1984, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 328885(M) u residenti gewwa Maria Paulette Court, flat 6, Triq tal-Bilbel, Bugibba. Naeim Shady Mohamed Abd El-Hady ta’ 28 sena, iben Mohamed u Sabowa, imwieled l-Egittu nhar il-5 ta’ Jannar 1982, residenti gewwa Morning Dawn, flat 7, Triq il-Gifen, Bugibba u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 37249(A).

Illi huma akkuzati talli fil-lejl ta’ l-17 ta’ t-18 ta’ Awissu 2008, ikkommettew serq ta’ flus u diversi oggetti ohra li l-ammont tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), minn Villa Kazara, Triq il-Virdun, Kappara, ghad-detriment ta’ Maged Fawzy Eskandar Maged mill-Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

Illi fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq jew ikkaguna hsara lil propjeta privata mobbli jew immobbli liema hsara hi izjed minn 166.47 euro izda mhux iktar minn 1164.69 euro u dan ghad-detriment ta’ Maged Fawzy Eskander mill-Kappara u/jew persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.314) fejn l-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat Oivend Xuereb;

Rat il-verbal datat 18 ta’ Settembru 2009 (fol.315) fejn l-imputat Oivend Xuereb ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Oivend Xuereb (fol. 295);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ghas-separazzjoni tal-gudizzju mitluba mill-Prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Oivend Xuereb** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261 (b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 325, 49, 50, 17, 23 u 31 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghat-tlett (3) snin prigunerija** li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f’arrest preventiv.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ giovanili ta’ l-imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni ta’ l-imputat u l-fatti spece kollha tal-kaz inkluz il-quantum tar-res furtiva.

Il-Qorti tirrakkomanda illi l-imputat, li beda programm ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga, jkompli dan il-programm fi hdan il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------